## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 567/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**Abdu Isshaki Moqmem**
**(K.I. 0039231A)**

**Illum, 19 ta' Mejju 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Abdu Isshaki Moqmem** ta' 45 sena, imwieled l-Iraq fid-19 ta' Ġunju 1975, iben Mustafa Abdu Isshaki u Jilan Ali Ali u residenti ġewwa 17, Fl 3, Triq l-Ibjar, il-Belt Valletta, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru **0039231A** fejn huwa ġie akkużat:

> Talli nhar it-23 ta' Ottubru għall-ħabta tas-13:00hrs u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, f'diversi ħinijiet ġewwa l-Belt Valletta u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġġiegħel tagħmel, iħalli ssir jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqas l-abilitajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment tas-sieħba tiegħu ċioè Joann (Josepha Anna) Debono, liema reat ġie repetut kontinwament;

2. Ikkaġuna lis-sieħba tiegħu u ċioè Joann (Josepha Anna) Debono fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, liema reat ġie repetut kontinwament;

3. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal inqas minn €250, għad-dannu ta' Joann (Josepha Anna) Debono

4. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Joann (Josepha Anna) Debono;

5. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

U iktar talli fl-istess data u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer:

6. Ta ħażin lill-uffiċjal tal-Pulizija jew uffiċjal tal-Komunità, waqt li kienu qed jaqdu dmirijiethom, ismu, kunjomu, numru tal-karta tal-identità, l-indirizz jew xi partikularitajiet oħra jew xi dokument li seta' kien meħtieġ skont il-liġi;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta’ protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża, kontra Abdu Isshaki Moqmem a benefiċċju ta’ Joann (Josepha Anna) Debono u l-familjari tagħha u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ u l-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll f’każ ta’ ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuna at’ Joann (Josepha Anna) Debono jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Abdu Isshaki Moqmem b’obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta’ somma ta’ flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif ppresjeduta nhar it-28 ta’ Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta’ Settembru 2021, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma’ x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat illi nhar it-03 ta’ Diċembru 2021 l-Avukat Ġenerali bgħat l-Atti lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex Abdu Isshaki Moqmen jiġi ġġudikat minnha u li dakinhar stess, l-istess Abdu Isshaki Moqmen ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż bi proċedura sommarja;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti tal-każ jirrigwardjaw allegat inċident li seħħ nhar it-23 ta' Ottubru 2020 fejn il-parte civile, ċioè Joann (Josepha Anna) Debono, irrapportat li dakinhar inqala' argument bejnha u bejn l-akkużat, li kien il-partner tagħha ġewwa r-residenza tagħha. Hi rrapportat li dakinhar hu ċempillha fuq il-mobile u qalilha li xtaq ikollu x'jaqsam magħha. Hi qalet li minkejja li qaltlu ma kelliex aptit, hu xorta mar id-dar u beda jinża. Hi reġgħet qaltlu li ma kelliex aptit u hu irvilla. Beda jgħajjarha u jippakkja ħwejġu. X'ħin rat hekk, hi ħarġet fil-gallarija ssejjaħ għall-għajnuna u f'ħin minnhom kisrilha l-mobile biex ma terġax tużaħ. Dakinhar tar-rapport, hi stqarret ukoll li din ma kinietx l-ewwel darba li kellhom inċidenti simili iżda qatt ma rrappurtatu għax dejjem beżgħet. Qalet li kienet tibża' li l-akkużat ser jgħamlilha xi ħaġa.

Jirriżulta li wara dan ir-rapport, sarilha Risk Assessment mill-Uffiċjali Tracey Baldacchino u Vinciana Vella. F'dan ir-rapport[1] irriżulta li hemm *High Risk Grading* ta' 16.

Illi kemm Tracey Baldacchino u Vinciana Vella xehdu f'dawn il-proċeduri fejn spjegaw dak li ġie rappurtat lilhom mingħand il-parte civile u anke l-proċedura ta' kif sar ir-rapport u għalfejn irriżulta punteġġ daqshekk għoli fir-rapport.

Illi in kwantu ta' xhieda, il-prosekuzzjoni ressqet lill-ispettur investigattiv Audrey Micallef[2], ir-risk assessors Tracey Baldacchino[3] u Vinciana Vella[4],

[1] A fol. 17 u 42 tal-Atti proċesswali.
[2] A fol. 54 u 86 tal-Atti proċesswali.
[3] A fol. 36 tal-Atti proċesswali.
[4] A fol. 45 tal-Atti proċesswali.

it-tabib Dr. Nicholas Fava [5], PC2180 Rebecca Farrugia[6], PS2018 Silvana Cesare[7], PS 150 Alfred Cutajar[8] u l-parte civile Joann Debono[9].

Illi x-xhieda ta' PC 2180 Rebecca Farrugia u PS 2018 Silvana Debono ikkonfermaw l-istqarrija rilaxxata mill-akkużat. PS150 Alfred Cutajar, min-naħa tiegħu, xehed li dakinhar tal-inċident hu kien qiegħed xogħol fl-Uffiċju tal-Vjolenza Domestika u għall-ħabta tal-ħamsa nieqsin għoxrin irrikorriet il-parte ċivile biex tirrapporta l-preżenti inċident. Hu xehed dwar il-verżjoni li hi tagħtu dak il-ħin kif ukoll li wriet ix-xewqa li tagħmel Risk Assessment ġewwa d-Domestic Violence Unit. Xehed li għamlitu u hu informa lill-ispettur Audrey Micallef b'dan kollu.

Illi Dr. Nicholas Fava xehed li dakinhar tal-inċident, il-parte ċivile irrikorriet fil-policlinic tal-Floriana u hu ħarġilha ċ-ċertifikat mediku eżebit[10]. Xehed li ma kellha ebda evidencza ta' ġrieħi fiżiċi iżda kellha sinjali ta' dwejjaq u ansejtà.

Illi fix-xhieda tagħha mogħtija quddiem din il-Qorti, il-parte ċivile xehdet li hija għaddejja minn kondizzjoni psikjatrika u qed tieħu l-medikazzjoni għaliha. Qalet li ġieli jkollha ġranet tant ħażin li lanqas ikollha aptit tqum mis-sodda. Qalet li m'hijiex f'posizzjoni li jkollha relazzjoni. Qalet li l-akkużat qatt m'għamillha xejn u li tbgħati b'ansjetà kbira u li tagħmel dak li jiġiha ġo moħħha. Xehdet li tiftakar li l-mobile kissritu hi. Qalet li ma tista tgħix xejn fiħ u li qatt ma kien aggressiv magħha. Anzi, qalet li hi kienet aggressiva miegħu. Xehdet testwalment li meta irrikorriet għand il-pulizija, "*jien kelli bżonn dak il-ħin mhux Pulizija bir-rispett kollu tiegħek, jien kelli bżonn psikjatra u psikologa mhux niġi interrogata*".[11] Qalet li minflok sabet min jgħinha, sabet minn kompla kissirha bil-pressjoni biex titfa' lill-akkużat

[5] A fol. 51 tal-Atti proċesswali.
[6] A fol. 95 tal-Atti proċesswali.
[7] A fol. 97 tal-Atti proċesswali.
[8] A fol. 118 tal-Atti proċesswali.
[9] A fol. 120 tal-Atti proċesswali.
[10] A fol. 15 tal-Atti proċesswali.
[11] A fol. 121 tal-Atti proċesswali.

il-ħabs. Xehdet li m'għadhiex tiltaqa' miegħu u li m'hijiex tajba għal quddiem in-nies.

Ikkonsidrat;

Illi l-Qorti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet konfliġġenti fejn il-verżjoni mogħtija a *tempo vergine* hi li l-akkużat, allegatament wettaq atti ammontanti għal vjolenza domestika, inkluż li kissrilha t-telefon ċellulari u min-naħa l-oħra għandha verżjoni fejn l-akkużat ma għamel xejn u li dan ir-rapport kien donnu bħal "sejħa għall-għajnuna psikjatrika" min-naħa tal-parte civile. Illi f'dan l-istadju l-unika xhieda li l-Qorti għandha quddiemha rigward x'ġara dakinhar hija dik mogħtija mill-Uffiċjali tal-Pulizija u mir-Risk Assessors, li rrepetew dak li huma semgħu mingħand il-parte civile. Illi din ix-xhieda kollha tammonta għal "*detto de detto*" u għandha tiġi skartata peress li ma tilħaqx il-livell ta' prova meħtieġ f'dawn il-proċeduri. Illi min-naħa l-oħra, ix-xhieda tal-parte civile hi tali li tinnega kompletament l-allegazzjonijiet magħmulha fir-rapport tagħha.

Illi din il-Qorti kif ppresjeduta kellha l-opportunità li tara u tisma' lill-parte civile tiddeponi fiżikament quddiemha u allura tista' tevalwa l-veraċità tax-xhieda mogħtija *o meno*. Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino:**[12]

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

Illi din il-Qorti ma tarax raġuni għalfejn għandha tiddubita mill-veraċità tax-xhieda mogħtija mill-parte civile quddiema u għalkemm jirriżulta ampju li l-

[12] **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino**, Qorti tal-Appell Kriminali, 30 ta' Marzu 1963.

verżjonijiet mogħtija minnha lill-pulizija *a tempo vergine* u dik mogħtija quddiem il-Qorti huma dijamettrikament opposti, il-Qorti tqis li meta tat l-ewwel verżjoni lill-pulizija, hi ma kinietx ċara fi ħsiebha minħabba l-kondizzjoni psikjatrika tagħha. Del resto, il-kondizzjoni psikjatrika tagħha fil-mument tal-inċident ġiet kkonfermata wkoll minn Dr. Nicholas Fava li ċċertifikaha li kellha "*Psychological Distress*" filwqat li fix-xhieda tiegħu qal li hi kellha element ta' dwejjaq u ansjetà.

Għalkemm din il-Qorti hija konxja tal-fatt li hemm possibilità li l-parte civile biddlet il-verżjoni tagħha minħabba xi biżà li hija għandha mill-akkużat, hija kkonfermat, fuq domanda tal-Qorti, li m'għadhiex tiltaqa' miegħu u li m'hi qed tiltaqa' ma ħadd.

Di più, minkejja li t-tielet akkuża tirrigwardja l-ħsara volontarja kkaġunata lit-telefon ċellulari tal-parte ċivile, dan qatt ma ġie ppreżentat fil-Qorti peress li l-parte civile naqset li tgħaddilha t-telefon ċellulari u anke l-istima tal-ħsarat.

Għaldaqstant, il-Qorti ssib li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tressaq provi sodisfaċenti li jimmilitaw a favur it-teżi tagħhom lilhinn minn kull dubju raġjonevoli. Illi huwa prinċipju bażilari fil-liġi penali nostrana li kull dubju għandu jmur favur l-akkużat u b'hekk, il-Qorti qed issib li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha skond il-liġi.

**Deċide:**

Għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 202, 222, 251, 251A, 251H, 251HA, 325, 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u Reg. 124(2) tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta) qed issib lil Abdu Isshaki Moqmem **mhux ħati** ta' l-akkużi dedotti kontra tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

Kopja Informali ta’ Sentenza.

**Ft. Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

Sharonne Borg
Deputat Reġistratur